MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 408/2003

**Alfred u Maria Concetta konjugi Camilleri**

**vs**

**Gordian u Carol konjugi Ohaegbu**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fl-24 ta’ April, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-atturi selfu xi flusijiet lill-konvenuti, u dan bil-ghan u l-intendiment car illi l-istess konvenuti kellhom jutilizzawhom sabiex jorganizzaw riceviment tat-tieg taghhom stess, u dan fl-ammont ta’ elfejn lira Maltin (LM 2,000);

Illi l-atturi selfu wkoll xi flusijiet lill-konvenuti sabiex ihallsu kontijiet pendenti ma terzi persuni, u dan fl-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM 250);

Illi l-atturi ezegwew diversi xogholijiet fil-fond proprjeta tal-konvenuti u dan fuq inkarigu tal-istess konvenuti, ghal-liema xogholijiet l-atturi ma rcevewx hlas u liema xogholijiet gew stmati li jammontaw ghal elfejn u mitejn u hamsin lira Maltin (LM 2,250), u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenuti ghamlu diversi snin jirrisjedu fil-fond tal-atturi, f'liema zmien huma ghamlu uzu mis-servizzi u facilitajiet kollha ezistenti fid-dar, u dan minghajr ma sar il-hlas jew kumpens opportun ghall-uzu u konsum imsemmi, li jammonta ghal madwar tlett elef lira Maltin (LM3,000);

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tal-ammonti msemmija, baqghu inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM 2,500) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti, rapprezentanti self brevi manu;
(2) Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM 2,000) rapprezentanti prezz u valur ta' xogholijiet ezegwiti mill-atturi fil-fond proprjeta tal-konvenuti, u dan fuq inkarigu tal-istess konvenuti;
(3) Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' tlett elef lira Maltin (LM 3,000) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti rapprezentanti spejjez dovuti ghall-uzu u konsum li sar ghal diversi snin mill-konvenuti tas-servizzi u facilitajiet kollha ezistenti fil-fond proprjeta tal-atturi;
(4) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma kumplessiva ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (LM7,500) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti, rapprezentanti ammonti indikati fl-ewwel tlett talbiet;

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata Novembru ’02 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Gordian u Carol konjugi Ohaegbeu li *in forza* taghha huma eccepew illi:

1. Illi preliminarjament rigward it-tieni talba ta’ l-atturi, l-konvenuti jeccepixxu il-preskrizzjoni skond l-artikoli 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kodici Civili;
2. Illi l-konvenuti jeccepixxu ukoll il-preskrizzjoni biennali u dan skond l-artikolu 2149 (a);
3. Illi t-talbiet atturi huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dana peress li dawn il-flus gew moghtijin lill-konvenuti bhala donazzjoni u mhux bhala self brevi manu;
4. Illi t-talbiet atturi huma infondati rigwardanti s-servigi u dana peress li s-servigi huwa ritenut fil-ligi bhala li bniedem jippresta s-servigi tieghu bi speranza ta’ kumpens. F’dan il-kaz, il-konvenuti kienu qaghdu fid-dar tal-atturi bil-qbil ta’ l-atturi u b’sens ta’ rieda libera u assoluta ta’ donazzjoni u ghalhekk l-atturi qatt ma kienu qed jistennew kumpens, avolja wara rcevew kumpens mit-tifla taghhom Carol bil-bon volonta’ taghha;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ezaminat l-affidavits ta’ l-atturi;

Ezaminat l-affidavits tal-konvenuti;

Rat illi minkejja l-fatt illi l-partijiet inghataw il-fakulta mill-Qorti li jipprezentaw Noti ta’ Osservazzjonijiet, dan baqghu ma ghamluhx fiz-zmien moghti lilhom.

Ikkunsidrat :

Illi din is-sentenza hija limitata ghad-decizjoni dwar l-eccipita predugizzjali tal-preskrizzjoni kontemplata taht l-Artikolu 2148 (a), 2148 (b) u 2149 (a) tal-Kap. 16.

Illi l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 jghid hekk :
“L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax il-xahar :
(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu;
(b) l-azzjonijiet ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut;

Illi l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 jitkellem dwar il-preskrizzjoni bl-gheluq ta’ sentejn ta’ l-azzjonijiet tal-benneja ta’ bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta’ bini iehor jew ta’ xoghlijiet ohra ta’ injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu;

Ikkunsidrat :

Illi rigward it-tieni talba ta’ l-atturi, u cioe’ it-talba illi l-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri ta’ l-atturi fl-ammont ta’ elfejn lira Maltin (LM 2,000) rapprezentanti prezz u valur ta’ xogholijiet ezegwiti mill-atturi fil-fond proprjeta tal-konvenuti u dan fuq inkarigu tal-istess konvenuti, il-konvenuti eccepew l-preskrizzjoni skond l-Artikoli 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kodici Civili. Il-Qorti ghalhekk sejra tara jekk it-tieni talba attrici hijiex preskritta jew le ai termini tal-Artikoli 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur Alfred Camilleri, fl-affidavit tieghu, xehed illi ghamel hafna xoghol fl-appartament tal-konvenuti. Dan ix-xoghol kien bdih ghall-habta ta’ Ottubru 2001 u baqa’ sejjer sa Mejju 2002. Ix-xoghol kien jikkonsisti f’tibdil estensiv strutturali bil-plumbing mill-bidu, tibjid, tqeghid ta’

madum, caqliq ta' hitan, fost ohrajn. Ix-xoghol kien ghamlu kollu hu, izda l-ispejjez tal-materjal kienu jaghmluhom il-konvenuti. Il-konvenut qieghed jippretendi l-hlas tal-mamo d'opera tieghu tenut kont tal-fatt illi ghamel sitt xhur jahdem f'dan il-post.

L-attrici Maria Concetta Camilleri, fl-affidavit taghha, ikkonfermat illi zewgha kien ghamel hafna xogholijiet fil-post tal-konvenuti u dana ghall-perjodu ta' bosta xhur.

Illi l-konvenuta Carol Camilleri iddikjarat fl-affidavit taghha li hija legalment separata minn Gordian Ohaegbu u qalet illi l-ammont ta' elfejn lira, mitlub mill-atturi mhuwiex dovut peress li ma kien hemm l-ebda ftehim li missierha kien ser jithallas ghax-xoghol illi ghamel lilha u lil zewgha fil-fond taghhom u x-xoghol sar kollu b'mod volontarju sabiex missierha, l-attur, jghin lilha u lill-konvenut l-iehor peress li ma kellhomx il-mezzi finanzjarji biex iqabbdu persuni biex jaghmlu ix-xogholijiet fl-appartament. Skond il-konvenuta, il-ftehim kien wiehed ghal kollox gratuwitu u qalet ukoll illi l-hlas ghax-xoghol mitlub mill-atturi huwa caso mai preskritt u dana peress illi x-xoghol kien sar f'Settembru 2001. Hija ghamlitha cara illi l-ftehim qatt ma kien wiehed onoruz u illi l-attur qatt ma ftiehem maghhom li kien ser jithallas tax-xoghol li ghamlilhom.

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu qal illi x-xogholijiet saru f'Settembru 2001 u kienu lesti sa Dicembru 2001. Huwa qal illi x-xogholijiet illi saru mill-attur, illi jigi missier martu, kienu saru mill-attur minn jeddu u qatt ma kien hemm xi ftehim illi l-attur kellu jithallas mill-konvenuti. Il-konvenut qal ukoll illi l-attur talab illi jithallas ta' dawn ix-xogholijiet biss meta hu u l-konvenuta iddecidew illi jisseparaw fis-sena 2003 u mhux qabel.

Ikkunsidrat :

Illi filwaqt illi l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 jirriferixxi ghall-lokazzjoni ta' opera li biha l-persuni imsemmija f'dak l-Artikolu ikunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, bl-ebda mod ma jista jinghad illi l-attur jikkwalifika bhala bennej, bajjad jew persuna ohra li

jahdem is-sengha jew arti mekkanika, u ghalhekk il-preskrizzjoni kontemplata taht dan is-subartikolu ma tapplikax fil-konfront tal-atturi.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta mill-provi illi tressqu illi l-attur ghamel ix-xoghol illi ghamel bona volonta tieghu u mhux ghaliex dahal f'xi ftehim mal-konvenuti fejn gie imwieghed xi hlas. L-attur effettivament ma tax ix-xoghol tieghu ghall-hlas, izda bi pjacir lejn bintu u l-gharus taghha, illi wara sar zewgha.

Illi lanqas ma hija applikabbli l-preskrizzjoni ikkontemplata taht is-subartikolu (b) tal-Artikolu 2148 tal-Kap. 16 ghaliex din tapplika biss ghall-merkanzija mibjugha bl-imnut. Issa fir-rigward ta' l-attur certament ma jistax jinghad illi kien u qeghdin ibighu xi merkanzija bl-imnut lil xi hadd, wisq anqas lill-konvenuti.

Illi kif gie spjegat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a Vol XL11 p 111 pagna 1151 il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika ghall-"krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom". Fil-kaz odjern l-atturi ma jistghux jitkellmu dwar krediti ghaliex qatt ma kien hemm xi prezz miftiehem ghax-xoghol illi ghamel l-attur fil-fond tal-konvenuti.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u cioe' illi it-talbiet attrici huma preskritti skond l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili, l-Qorti tirreferi ghal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet "Landale Limited u b'nota ta' l-1 ta' April 2002 is-socjeta' attrici bidlet isimha ghal Coleiro Yacht Finishes Limited vs Jon David Limited" fejn gie ritenut illi l-Artikolu 2149 (a) jiddistingwi ruhu mill-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 fis-sens li dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. (Ara wkoll f' dan is-sens "Lawrence Formosa et vs Anthony Borg proprio et nomine", Appell, 27 ta' Jannar 1997).

L-Artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 jitkellem dwar l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-

kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu.

Illi fil-kaz taht ezami il-kreditu pretiz mill-atturi kontra l-konvenuti m'huwiex pretiz fir-rigward ta' xi opera mahduma mill-atturi qua kuntratturi tal-bini, jew ghall-materjali li fornew lill-konvenuti bhala kuntratturi. Minn imkien ma tirrizulta xi prova jew allegazzjoni fis-sens illi l-atturi kienu kuntratturi tal-bini u ghalhekk certament dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------